MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**FRANCESCO DEPASQUALE**

Seduta tat-30 ta' Settembru, 2013

Avviz Numru. 173/2008

**Giovanna Debono (ID 62656G)**
**vs**
**Felix Agius (ID 340048M)**

Illum 30 ta' Settembru 2013

Il-Qorti,
Rat ir-rikors ippresentat mir-rikorrenti fis-16 ta' April 2008 fejn l-istess rikorrenti talbet lill-Qorti tiddikjara artikolu ippubblikat fil-harga tal-gazzetta KullHadd tas 6 ta' April 2008 intitolat '**Giovanna Debono "Tabbuza" mis-sahha ta' Agent Prim**" bhala libelluz u malafamanti fil-konfront taghha u ghalhekk tikkundanna lill-intimat ihallasha danni a tenur tal-Artikolu 28 tal-Kap 248.
Rat l-eccezzjonijiet ippresentati mill-intimat fl-20 ta' Mejju 2008 fejn sahaq illi dak li huwa rrapporta kienu verita' tal-fatti u l-kummenti kienu jikkonstitwixxu 'fair comment'.
Rat l-artikolu meritu tal-kawza odjerna ippubblikat fil-harga tal-Kullhadd tas-6 ta' April 2008.

Rat ix-xhieda tar-rikorrenti Giovanna Debono moghtija fid-19 ta' Jannar 2009 flimkien mad-dokumenti minnha ppresentata.
Rat illi fid 19 ta' Jannar 2009, ir-rikorrenti iddikjarat illi ma kellhiex aktar provi x'tippresenta.
Rat illi l-intimat inghata sittax-il diferiment bil-ghan illi jressaq il-provi tieghu, u ghajr ghas-seduti fejn il-kawzi gew trasferiti minn gudikant ghal iehor peress illi l-gudikant precendenti kien elevat ghal Imhallef, liema fatt sehh darbtejn, is-seduti l-ohra kollha kienu karatterizzati minn talbiet ghal differiment ghal transazzjoni u talbiet ghal differiment ghal provi.
Rat illi fit 18 ta' Jannar 2013, il-Qorti iddikjarat il-provi intimati maghluqa u differiet il-kaz ghal sentenza.

**Ikkunsidrat**

Illi fil-kaz odjern, jirrizulta illi l-intimat, bhala editur tal-gurnal Kullhadd, fis-6 ta' April 2008 ippubblika storja fil-faccata tal-gazzetta illi kien fih ritratt ta' art gewwa Ghawdex flimkien ma' ritratt mizjud fuq ir-ritratt tal-art, li juri lir-rikorrenti tidhaq u taht tali ritratt kien hemm il-kliem tal-artikolu illi kien hemm taht fejn kien hemm miktub '**Giovanna Debono tabbuza mis-sahha ta' Agent Prim**'.
Illi l-istorja tkompli tghid illi "*F'manuvra qawwija ta' abbuz ta' poter, il-Ministru ghal Ghawdex Giovanna Debono approvat b'mod xokkanti l-esproprjazzjoni ta' bicca art fin-Nadur, Ghawdex, li tinsab ezatt quddiem id-djar tax-xufier u qraba taghha. Dan meta l-Hamis li ghadda hija assummiet id-dmijiet ta' Prim Ministru, meta Lawrence Gonzi u l-vici tieghu kienu barra minn xtutna.*"
L-istorja imbghad tirreferi ghal kwistjoni illi kien hemm dwar dina l-art li kienet giet zviluppata f'belvedere fis-sena 2004 mill-Gvern u kienet meritu ta' kawza Ghawdex stess, fejn il-Qorti ddikjarat illi l-belvedere kien illegali ghax mibni fuq propjeta' privata u awtorizzat lis-sidien sabiex inehhu l-ghamara illi tqieghdet fuq tali belvedere.
Il-gazzetta imbghad tkompli tghid "*Izda f'manuvra mill-aktar inkredibbli jekk mhux oxxena li saret fl-ahhar minuta, litteralment sieghat qabel ma kienet ser tigi attwalta l-ezekuzzjoni tas-sentenza moghtija mill-Qorti il-biera Sibt 5 ta' April 2008, avviz fil-gazzetta tal-gvern tal-Hamis 3 ta' April li ghadda ddikjara l-akkwist ta' bicca art ghal skop*

*pubbliku, liema art kienet taghmel parti minn dan il-belvedere mibni skond il-Qorti b'mod irregolari. Din id-decizjoni, mehudha kif gieb u lahaq minn Agent Prim MInistru, u li ghandha interess fil-kwistjoni kollha, tfisser li b'mod vergonjuz l-istat iddecieda li jikkalpesta/jgib fix-xejn decizjoni tal-Qorti.*"

Illi jirrizulta li fil-harga tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru 18221 mahruga fit 3 ta' April 2008, permezz ta' Avviz Nru 284 giet ippubblikata avviz fejn il-pubbliku gie mgharraf li b'sehh mill-Hamis, 3 ta' April 2008, ir-rikorrenti kienet ser tassumi dmirijiet addizzjonali ta' Prim Ministru matul l-assenza tal-Prim Ministru ta' dak iz-zmien, Dr Lawrence Gonzi.

Susswegwentement, fl-istess Gazzetta u fl-istess pagna, permezz ta' Avviz Nru 285 datata 3 ta' April 2008, il-pubbliku gie mgharraf illi permezz ta' Dikjarazzjoni tal-President ta' Malta li ggib l-istess data, il-Gvern kien akkwista ghal skop pubbliku a tenur tal-Kap 88 tal-Ligijiet ta' Malta b'titolu ta' xiri assolut bicca art tal-kejl ta' madwar 112-il metru kwadru gewwa n-Nadur, Ghawdex versu kumpens ta' €23,300.

**Ikkunsidrat**

Illi fil-kawza odjerna, ir-rikorrenti ippresentat il-provi taghha u sahansitra esebit l-Gazzetta tal-Gvern relattiv filwaqt illi l-intimat, ghalkemm inghata sittax-il differiment fuq medda ta' erbgha snin sabiex jippresenta l-provi tieghu, ghajr ghal zewgt differimenti dovuti ghal fatt illi l-gudikant ikun inbidel rizultat tal-fatt li l-gudikant precedenti kien gie elevat ghal Imhallef, il-kumplament tas-seduti kienu kkaratterizzat miinn talbiet ghal differiment jew ghall transazzjoni jew ghal presentata tal-provi intimat. Madanakollu, f'ebda stadju ma' l-intimat ippresenta l-provi tieghu u finalment, fit-18 ta' Jannar 2013, il-provi intimati gew dikjarat maghluqa.

Illi l-Qorti ma tistax ma tesprimix id-disappunt kbir taghha dwar il-mod kif il-partijiet, partikolarment l-intimat, ghamel minn kollox sabiex ittawwal il-proceduri odjerni, u ghalkemm dina l-Qorti, kemm kif komposta precendentement, kif ukoll dik sedenti, kienet dejjem

propensa illi taghti differiment bil-ghan illi jinstab xi soluzzjoni bonarja, kif lilha indikat, jidher illi tali weghdiet da' parte tal-partijiet u, partikolarment l-intimat, kienu intenzjonati unikament sabiex itawwal tali proceduri. Dana ma kellu qatt ikun u huwa censurabbli.

**Ikkunsidrat**

Illi, fil-kawza odjerna, jidher illi r-rikorrenti, b'effett mit-3 ta' April 2008, kienet inghatat l-inkarigu ghal zmien li taghmilha ta' Prim Ministru fl-assenza tal-Prim Ministru li kien hemm dak iz-zmien, in vista tas-safar tieghu. Jidher ukoll illi, dakinhar stess, il-President ta' Malta iddikjara bicca art gewwa in-Nadur bhala mixtrija minghand il-Gvern ta' Malta permezz ta' l-Ordinanza dwar l-Akkwist ta' l-Ambjent ghal Skopijiet Pubblici.

Illi, ghajr ghal fatt illi zewgt Avvizi kienu ppubblikat fuq l-istess Gazzetta tal-Gvern u wahda wara l-ohra, ossija Nru 284 u 285, ma' jidher illi ma hemm ebda konnessjoni bejn iz-zewgt affarjiet. Madanakollu, skond l-intimat, dawna z-zewgt avvizi, t-tnejn li huma ppubblikati fit-3 ta' April 2008, kellhom konnessjoni "*inkredibbli jekk mhux oxxena*"!

Illi l-intimat, in fatti, ghamel referenza ghal kwistjoni illi kienet ilha ghaddeja ghal erbgha snin gewwa Ghawdex, fejn inbniet belvedere gewwa n-Nadur fuq art illi kienet privata u li wasslet ghal kawza sabiex tali binja titnehha, ra illi fit-3 ta' April 2008, il-Gvern ta' Malta, permezz ta' dikjarazzjoni tal-President ta' Malta, akkwista dina l-art in kwistjoni fejn kienet saret il-belvedere, qara fuq il-Gazzetta tal-Gvern illi r-rikorrenti, li kienet ukoll il-Ministru ta' Ghawdex, saret Agent Prim Ministru fit-3 ta' April 2008 u wasal ghal konkluzjoni li, in vista ta' dawna l-fatti kollha, kienet ir-rikorrenti, fil-posizzjoni taghha ta' Prim Ministru, illi "*approvat b'mod xokkanti*" l-esproprjazzjoni ta' dina l-art in kwistjoni.

**Ikkunsidrat**

Illi l-Qorti ma tistax ma tikkummentax u tghid illi aktar milli l-agir tar-rikorrenti kien "*inkredibbli jekk mhux oxxena*", kienet il-konkluzjoni mihuqa mill-intimat fil-konguntura tal-fatti kif fuq deskritti illi kienet mill-aktar "*inkredibbli jekk mhux oxxena*".

Il-Qorti ma tistax ma tistaqsix kif jista jkun illi gurnalist tal-kalibru tal-intimat, b'esperjenza vasta fil-kamp gurnalistiku, ma kienx kapaci jinduna illi kienet haga impossibbli biex ir-rikorrenti, fil-posizzjoni taghha ta' Prim Ministru mit-3 ta' April 2008, setghet tapprova espropriazzjoni illi giet dikjarata hekk espropriata proprju dakinhar li inghata il-poteri ta' Agent Prim Ministru, 3 ta' April 2008, u dana mill-President ta' Malta.
Apparti mill fatt illi l-Prim Ministru ma ghandu ebda involviment fl-akkwist ta' propjeta' ghal skop pubblici, anke kieku remotement, f'xi mod, kien involut, kien fizikament impossibbli biex ir-rikorrenti, fil-posizzjoni taghha ta' Agent Prim Ministru, tapprova espropriazzjoni ta' art u dakinhar stess il-President ta' Malta jiddikjara tali art espropriata.
Illi huwa minnu li kienet b'kumbinazzjoni fortuita, l-ewwel kellu jkun hemm avviz li r-rikorrenti kienet saret Agent Prim Ministru u sussegwentement, ezatt wara, kien hemm avviz ta' espropriazzjoni ta' art li, skond l-intimat, kienu involuti fiha xi qraba u nies vicini tar-rikorrenti. Izda certament, tali fatti, apparti l-affinita' numerika bejn iz-zewgt avvizi, ma kellha assolutament ebda affinita' ohra.
Illi, apparti minn hekk, jigi rilevat illi, ghalkemm l-intimat allega illi f'tali propjeta' li giet espropriata kien hemm interessi ta' xi qraba tar-rikorrenti, l-intimat ma ressaq assolutament ebda prova biex jissustanzja tali allegazzjoni, ghalkemm tali provi xorta wahda ma kienux jeskulpaw lill-intimat mir-responsabbilta' ta' konkluzjoni qarrieqa u "oxxena" kif jghid l-intimat stess, maghmulha fil-konfront tar-rikorrenti.

**Ikkunsidrat**

Illi, kif stqarret il-Prim’Awla tal-Qorti Civili fil-kawza **Dr. Louis Galea vs Dr. Joe Mifsud,** fit-23 ta’ Marzu, 2009,

*“f’kawzi bhal prezenti, u cioe f’kawza ta’ libell, hemm bilanc li ghandu jinzamm bejn id-dritt f’socjeta’ demokratika li wiehed jghid u jesprimi ruhu u jsemmi l-opinjoni tieghu bl-aktar mod liberu u bejn id-dritt ta’ kull*

*cittadin li jgawdi reputazzjoni u l-isem tajjeb tieghu u dan dejjem fl-isfond ta' socjeta demokratika."*

Tali taghlim gie perfezzjonat mill-Qorti tal-Appell li kienet qieghda tisma l-istess kaz fejn, fis-sentenza taghha tat-3 ta' Frar, 2012 fejn ziedet tghid li

*"gurnalizmu investigattiv ghandu jinghata ampja protezzjoni f'socjeta' demokratika, anke jekk certi allegazzjonijiet jigu michuda minn dak milqut, il-gurnalist dejjem jibqalghu d-dritt li jinvestiga u jistharreg fuq allegazzjoni anke jekk tibqa' allegazzjoni mhux pruvata kif trid il-Ligi. F'dak li jsir gurnalizmu investigattiv serju, anke meta jirrizulta zball genwin, jista' wkoll ikun tollerat."*

Kif qalet il-Qorti Ewropea fil-kawza **Fresos & Roire vs France**

*"the press plays an important role in a democratic society, although it must not overstep certain bounds, in particular in respect of reputation and rights of others. People exercising freedom of expression including journalists undertake duties and responsibilities."*

Dana gie anke ri-affermat mill-Qorti Maltij meta, fil-kawza **Caruana v. Mifsud**, deciza fl-24 ta' Settembru 2004, intqal:

*"Il-liberta` ta' espressjoni m'hijiex xi licenzja li wiehed ighid li jrid minghajr kontroll. Id-dritt invokat mill-appellant huwa suggett ghal certu kundizzjonijiet. Hekk per ezempju, fil-kaz* ***Bladet Tromso and Stensaas v. Norway*** *(20 ta' Mejju 1999) il-Qorti Ewropeja tad-drittijiet tal-Bniedem esprimiet ruhha hekk:*

*"Article 10 of the Convention does not, however, guarantee a wholly unrestricted freedom of expression even with respect to press coverage of matters of serious public concern. Under the terms of paragraph 2 of the article the exercise of this freedom carries with it "duties and "responsibilities", which also apply to the press. These "duties and responsibilities" are liable to assume significance when, as in the present case, there is a question of attacking the reputation of private individuals and undermining the "rights of others"...by reason of "duties and responsibilities" inherent in the exercise of the freedom of expression, the safeguard afforded by Article 10 to journalists in relation to reporting on issues of general interest is subject to the proviso that they are acting in good faith in order to provide accurate and reliable information in accordance with the ethics of journalism." (para 65)*

Illi dana it-taghlim, kif fuq indikat, juri bic-car illi l-Qorti ghandha tipprotegi il-liberta' tal-espressjoni, peress illi hija l-bazi ta' demokrazija hajja u b'sahhitha, izda ghandha tikkastiga min jabbuza minn tali liberta' ta' l-espressjoni ghal skopijiet li jmorru ferm oltre il-gurnalizmu investigattiv, izda jidhlu fil-kamp tal-guralizmu vendikattiv u distruttiv, illi tant jaghmel hsara kemm lill-istituzzjoni tal-gurnalizmu, kif ukoll lill-pajjiz in generali.

**Ikkunsidrat**

Illi, tenut kont tal-fatti kif fuq stabbiliti, il-Qorti ghandha tghaddi biex tikkunsidra il-kwistjoni tad-danni sofferti mir-rikorrenti.

L-ewwel u qabel kollox, jigi nnutat illi r-rikorrenti hija Membru tal-Parliament, u kwantu hekk, il-livell ta' kritika lejha jista jkun ferm oghla. Il-Qorti tikkontendi ukoll illi tali posizzjoni twassal ukoll ghall-argument illi l-livell ta' kumpens lejhom irid ikun ferm anqas, peress illi, la darba dahlu fil-politika, huma jifhmu ukoll illi jkunu soggetti ghal tali attakki l-hin kollu.

Illi, apparti minn hekk, il-Qorti hija konvinta illi l-politiku jghozz ferm aktar id-decizjoni fuq il-punt tad-dritt milli dik fuq il-punt tad-danni, peress illi l-punt tad-dritt jeffettwa il-percezzjoni illi c-cittadin ikollu dwar ir-rikorrent fuq il-kwistjoni li giet deciza mill-Qorti filwaqt illi l-punt tad-danni jghaddi biex jrodd ammont ta' flus lir-rikorrent bhala flejjes minnha mitlufa rizultat tal-allegazzjonjiet foloz tal-intimat.

Illi r-rikorrenti ma ippruvat ebda telf ta' qliegh finanzjarji dovuti ghall-artikolu meritu tal-kawza odjerna, u ghalhekk il-Qorti ser ikollha tipprovdi dwarhom *animo boni viri*. Madanakollu, l-animus ingurjandi wara l-artikolu miktub fil-konfront tar-rikorrenti u s-sens ta' vendetta li l-artikolist u l-editur tieghu, ossija l-intimat, uzaw fil-mod kif ghaqdu diversi fatti mhux konnessi biex waslu ghal konkluzjonijiet inauditi ma jistax ma jigix punit severament minn dina l-Qorti.

Ic-cittadin ghandu d-dritt illi jinghata l-informazzjoni li jkun qieghed ifittex b'mod korrett u mhux malin. Il-gurnalist ghandu d-dover illi jassikura illi jakkorda tali dritt lic-cittadin u f'kaz illi jonqos milli jaghmel dan, huwa jkun qieghed jonqos mhux biss lill-persuna kontra min tali allegazzjonijet qed isiru izda, aktar u aktar, ikun qieghed jonqos lejn il-qarrejja tieghu billi ikun qieghed jizgwidahom fuq fatti li ma humiex minnhom.

Dana ma huwa bl-ebda mod accettabbli ghal dina l-Qorti.

**Konkluzjoni**

Il-Qorti

Wara illi rat il-provi kollha prodotti mir-rikorrenti u wara illi qiedet il-fatti kollha tal-kaz

Tghaddi biex taqta' u tiddeciedi l-kaz billi

**Tichad** l-eccezzjonijiet tal-intimat u

**Tilqa** it-talbiet attrici u ghalhekk tiddikjara l-artikolu ippubblikat fuq il-harga tal-KullHadd tas 6 ta' April 2008 bhala libelluz u malafamanti fil-konfront tar-rikorrenti u ghalhekk

**Tillikkwida** d-danni sofferti mir-rikorrenti rizultat ta' dan, a tenur tal-Artikolu 28 tal Kap 248 fil-valur ta' hamest elef Euro (€5,000) u

**Tikkundanna** lill-intimat sabiex ihallas is-somma ta' hamest elef Euro (€5,000) bhala danni dovuti lir-rikorrent,

bl-imghax mid-data tas-sentenza sad-data tal-pagament effettiv.
Spejjez kollha tal-proceduri odjerni ikunu a karigu tal-intimat.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------